# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZZJONI NRU. 546

KAZ NRU. 669

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Sandra Jenkins

u

Fortress Insurance Brokers Ltd.,
kif rapprezentata mis-sur Joseph
G. Pace

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data: 1 ta' Marzu, 1994

Chairman: Is-Sur Maurice J.V. Bonello M.B.E.

## INTRODUZZJONI

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra, riferenza ME/62/92/10 datata 14 ta' April, 1992, skond il-provvedimenti ta' l-artiklu 28(2) tal-Att tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali.

It-Tribunal zamm tnax-il seduta.

## PRELIMINARI

Sandra Jenkins kienet giet impjegata bhala "Insurance Technician" mal-Fortress Insurance Brokers Ltd., fit-8 ta' April, 1991 u l-impjieg taghha gie terminat fl-4 ta' Frar, 1992. Hija allegat illi t-terminazzjoni tal-impjieg taghha kienet ingusta, waqt li l-Kumpanija appellata sostniet illi l-impjieg ta' Sandra Jenkins kien gie terminat

ghal-ragunijiet tajba u validi skond il-ligi.

KONSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal kellu jiehu in konsiderazzjoni mhux biss il-performance u l-imgieba ta' Sandra Jenkins kif deskritt mid-diversi xhieda, kemm favorevolment kemm sfavorevolment, imma anki l-fatt, li ghandux x'jaqsam max-xoghol ta' Sandra Jenkins, cioe' il-hbiberija bejnha u bejn hu l-mara ta' Joseph Pace, General Manager tal-Kumpanija appellata li kienet waslet biex hu Mrs Pace hassar l-arrangamenti ghaz-zwieg tieghu proprju ftit xhur qabel ma' kellu jizzewweg.

It-Tribunal irid jaghmilha cara illi ma jiehux pjacir jidhol fl-affarijiet familjari, pero' f'dan il-kaz hemm certa rilevanza ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' Sandra Jenkins.

Minhabba dak li gara fil-kaz ta' hu l-mara ta' Joseph Pace, u Sandra Jenkins, il-pozizzjoni ta' Joseph Pace, bhala l-employer ta' Sandra Jenkins saret imbarrazzanti. Huwa ragonevoli biex wiehed jahseb illi l-familja tal-mara ta' Joseph Pace ma kienux kuntenti b'dak li kien gara. It-Tribunal huwa ta' l-opinjoni illi Joseph Pace, anki jekk ma giex imgieghel mill-familja tal-mara tieghu, hass illi Sandra Jenkins kienet "an embarresment" ghalih kieku baqghet fl-impjieg tal-Kumpanija.

Mix-xhieda, rrizulta illi hu Mrs Pace hassar iz-zwieg tieghu qabel il-Milied tal-1991. Fid-diversi memos ta' Joseph Pace lil Sandra Jenkins kollha hargu f'Jannar u Frar, 1992. Il-Kumpanija sejhitilhom "warnings".

It-Tribunal ghandu r-riservi dwar dan. L-ewwelnett, l-ufficcju tal-

Fortress Insurance Brokers huwa zghir u kullhadd qieghed "within speaking distance" ta' xulxin. It-Tribunal huwa sorpriz illi, konsiderando l-kontenut ta' dawn il-memos, kien hemm bzonn illi dak li hemm fihom sar bil-miktub meta kien aktar facli biex il-messaggi twaslu verbalment. Irrizulta wkoll illi kemm mill-memos kif ukoll mix-xhieda, Sandra Jenkins qatt ma' kellha twissija li setghet titkecca. Dwar il-kwalita' ta' xoghol ta' Sandra Jenkins, jidher illi ghall-post li kellha ta' insurance technician, kellha xi nuqqasijiet imma mhux tali illi kienu jiggustifikaw tkeccija sommarja.

It-Tribunal japprezza illi fic-cirkostanzi li nqalghaw, Joseph Pace kien ikollu izjed mohhu kwiet kieku Sandra Jenkins tnehhiet mill-ufficcju tieghu, imma it-Tribunal jidhirlu illi kien hemm certa orkestrazzjoni fil-hrug tal-memos imsemmija izjed il-fuq fis-sens illi dawna hargu wara li gara l-kaz ta' hu l-mara ta' Mrs Pace. It-Tribunal ukoll huwa tal-opinjoni illi Joseph Pace imissu sab mezz izjed diplomatiku biex jirrisolvi l-problema imbarrazzanti tal-impjieg ta' Sandra Jenkins mad-ditta tieghu.

KONKLUZJONI

In vista ta' dan kollu, it-Tribunal huwa tal-opinjoni illi ghalkemm Joseph Pace sab ruhu f'sitwazzjoni difficili, u ghalih personalment kien ikun ahjar kieku Sandra Jenkins ma tibqax fl-impjieg mad-ditta, ma jidhirlux illi kien hemm lok ta' tkeccija bil-mod kif saret, f'dak iz-zmien, Sandra Jenkins ma' nghatatx warnings li esplicitament kienu jghidu illi kienet qegnda fir-riskju illi titkecca. Huwa veru illi Jenkins kellha certu nuqqasijiet illi setghu biz-zmien ipoggu l-impjieg taghha fil-perikulu imma mhux fiz-zmien u bil-mod kif saret. Kien

ikun aktar xieraq kieku sar ftehim biex hija titlaq bonarjament.

DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal hu tal-opinjoni illi Sandra Jenkins ma' kienitx titkecca meta tkecciet kieku ma kienx ghas-sitwazzjoni li nqalghet ma' hu l-mara ta' Joseph Pace. Ghalhekk, it-Tribunal jordna illi l-Fortress Insurance Brokers Ltd., ihallsu s-somma ta' Lm200 (mitejn lira maltin) lil Sandra Jenkins fiz-zmien xahar mid-data ta' dina d-decizjoni.

Ghal finijiet tar-Regolamenti tal-1986 dwar drittijiet li jithallsu (A.L. 48 tal-1986) maghmula taht il-Kap 266, it-Tribunal qed jintaxxa lil kull wiehed miz-zewg difensuri d-drittijiet fl-ammont ta' erbghin lira maltija (Lm40) kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Maurice J.V. Bonello
CHAIRMAN

Edwin Spiteri
SEGRETARJU

mrg